IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 49

12 ta` Frar 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant tal-Kunsill

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

### 49.1 Qari tal-ittri ta` Apologija

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 49.2 Rapport tal-Gheluq ta` tas-Sena Finanzjarja 2017

Is-Sur Laurence Manicaro, l-Accountant tal-Kunsill spjega l-Financial Statements tas-sena 2017. Is-Sur Manicaro spjega li matul is-sena 2017 il-Kunsill ghamel surplus ta` madwar €55,000. Is-Sur Manicaro qal ukoll li matul is-sena 2017, l-ammont ta` kredituri naqqsu drastikament. Kompla jzied jghid li jekk il-Kunsill Lokali tal-Birgu jibqa` jimxi fuq din it-triq, id-dejn tal-Kunsill jonqos sew. Is-Sur Manicaro qal ukoll li l-Financial Situation Indicator telghet ghall-1%, fejn ghalkemm ghadha baxxa biex tilhaq l-10%, xorta hemm indikazzjoni cara li l-Kunsill ghamel progress matul is-sena 2017. Gie prezentat ukoll ir-Rapport ta` Kull Kwart sa` Dicembru 2017. Iz-zewg dokumenti gew approvati unanimament minn dawk prezenti.

### 49.3 Korrispondenza

49.3.1 Mibughta ittra lill-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici dwar is-sitwazzjoni tal-pavimentar li sar fiz-zona tal-Collachio, fejn il-Kunsill wera li mhux ser ikun responsabbli ghal kull incident li jista` jigri. Kopja ta` din il-korrispondenza intbghatet ukoll lill-Prim Ministru. Ghal din l-ittra l-Onorevoli Ministru wiegeb li ser jara l-kaz.

49.3.2 Prezentata ittra li l-Kunsill ircieva mid-Direttur il-gdid tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill gie avzat li ghall-attivita tal-Birgufest 2018, il-Kunsill ser jiehu somma ta` €11,000. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha mad-Direttur sabiex jigi spejgat ahjar x`wassal li l-Kunsill ser jinghata din is-somma minflok dik ta` €15,000.

49.3.3 Mibughta Cir AKL2018/014 dwar WIFI4EU, sejha ghall-Kunsilli Lokali sabiex jibenfikaw minn progett tal-UE relatat mall-WIFI. Il-Kunsill approva unanimament li juri l-interess tieghu ghal dan il-progett.

49.3.4 Mibughta l-membership fee tal-Assoccjazzjoni AVEC ghas-sena 2018 li tammonta ghall-€500. Il-Kunsill approva unanimament li jsir dan il-hlas.

49.3.5 Talba dwar attivita li ser titella mis-Sezzjoni Zghazagh Palmizi nhar Hamis ix-Xirka gewwa Couvre Porte. Is-Sur Boxall talab sabiex f`kull publikazzjoni li ssir mill-istess ghaqda jkun hemm mnizzel bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Dan peress li din iz-zona giet offruta mill-Kunsill Lokali tal-Birgu minghajr obligazzjoni ta` hlas.

49.3.6 Prezentati ir-ritratti tal-bike racks il-godda, wara li l-Kunsill gie nfurmat li dawk maghzula m`humiex kompatibbli mall-applikazzjoni li saret. Il-Kunsill approva unanimament il-bike racks maghzula.

Il-laqgħa intemmet fis-sebgha neqsin hamsa ta` filghaxija (6:55pm).

Konfermati llum l-Erbgha 4 ta` April 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |